**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 163**

L-Erbgħa, 1 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresjeda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Alex Muscat kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 162 li saret fil-31 ta' Ottubru 2023 kienu kkonfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.32 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 1762 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2458 Estratt mill-Minuti tal-laqgħa 50 tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann li nżammet fil-31 ta' Jannar 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12591;

P.L. 2459 Organigramma tal-2023 tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali li turi l-kariga li l-impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar jokkupaw, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12678;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2460 Estimi ta' dħul u nfiq għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2024, Estimi Riveduti għas-sena 2023 u Rapport u Stqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2022 tal-Awtorità tax-Xandir;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2461 Informazzjoni dwar għaqdiet volontarji ġodda li ġew irreġistrati, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12800; u

f'isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2462 Informazzjoni dwar konsulenti ingaġġati mal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva fil-perjodu bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12501.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, l-Onor. Chris Fearne, irrapporta lill-Kamra li l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għadda b'mod unanimu riżoluzzjonijiet dwar trasferiment ta' proprjetà lill-Żabbar St Patrick Football Club u r-Riżoluzzjoni dwar Estensjoni tat-terminu taċ-ċens temporanju oriġinali u r-rinunzja parzjali bejn il-Housing Authority u Malita Investments p.l.c., u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2463 Abbozz ta' Enfitewsi Temporanja bejn SportMalta u Żabbar St Patrick Football Club għal sit taħt is-Sur ta' San Ġakmu tal-Fata f'Ħaż-Żabbar u Abbozz ta' Enfitewsi Temporanja bejn SportMalta u Żabbar St Patrick Football Club għal sit li jinsab bejn is-Sur ta' San Alwiġi u s-Sur ta' San Ġakmu f'Ħaż-Żabbar; u

P.L. 2464 Abbozz ta' Temporary Emphyteutical Grant bejn l-Awtorità tad-Djar u Malita Investments p.l.c. għal sit ġewwa Ħal Luqa, 3 siti il-Qrendi, 4 siti Ħal Kirkop, 2 siti Ħaż-Żebbuġ, sit Ħ'Attard, sit l-Imsida, sit Birkirkara, sit iż-Żurrieq, sit Bormla u sit is-Siġġiewi.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 4) – ABBOZZ NRU 40**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

L-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara t-tielet darba u għadda.

## 2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (EMENDA NRU 2) – ABBOZZ NRU 20

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru 2).

L-Onor. Romilda Zarb issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12" inqara t-tielet darba u għadda.

## 3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR GVERN LOKALI – ABBOZZ NRU 71

Il-Kamra rriżumiet mill-25 ta' Ottubru 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Gvern Lokali.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Davina Sammut Hili, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Owen Bonnici.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2465 Estratt min-noti tal-Prof. Victor Caruana Galizia fejn jiddefenixxi l-kelma 'minority'.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Gvern Lokali, Kap. 363" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## AĠĠORNAMENT

Fis-7.00 p.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru 2023, fis-6.00 p.m. b'din l-aġenda:

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

Mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2024 (L-Ewwel Jum Imħolli kollu għall-Oppożizzjoni).

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, id-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni se jkun imxandar ukoll b'mod dirett mill-Public Broadcasting Services (PBS), b'kull stazzjon tat-televiżjoni jew internet service provider jingħata clean feed mill-PBS.

L-Onor. Andy Ellul informa wkoll lill-Kamra li d-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni kien se jiġi mxandar bil-lingwa tas-sinjali għal persuni neqsin mis-smigħ u li fil-bidu tas-seduta, fotografi u *cameramen* jitħallew jieħdu ritratti/filmati għal ftit minuti.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi.

Fis-7.31 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru 2023, fis-6.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**